# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## IMĦALLEF
## ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.

**Illum l-Erbgħa, 21 ta' Marzu 2018**

**Kawża Nru: 1**

**Rikors Ġuramentat Nru: 325 / 13 JA**

**Emanuel Abela**

**-vs-**

**Pierre Chircop, Rose Farrugia, Anthony Abela, Carmelo Abela, Grace Chircop, Maria Dolores Fava, Maria Fonzina Bartolo, u b'digriet tad-9 ta' Mejju 2013 Dr Mark A. Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Noel Scerri ġew nominati bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Josephine Borg**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attur fil-5 ta' April 2013 li permezz tiegħu ġie premess:

1. Illi l-esponent huwa t-tifel ta' Geraldo Abela u Rozina Abela nee` Vella illum mejta.

2. Illi Geraldu Abela u Rozina Abela għamlu testmenti fit-3 ta' Marzu 1982, 21 ta' Awissu 1984, 26 ta' Lulju 1999 kif ser jirriżulta waqt is-smigħ u t-trattazzjoni ta' din il-kawża.

3. Illi filwaqt illi l-konvenuti huma lkoll eredi tal-imsemmija Geraldu Abela u Rozina Abela, l-attur m'huwiex werriet tal-istess.

4. Illi għalhekk huwa dovut lilu s-sehem riservat skont l-artikolu 615 *et seq* tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

i) Prevja dikjarazzjoni illi l-attur għandu dritt jipprevali s-sehem riservat mill-eredita' tal-istess konjuġi Abela, tillikwida l-assi tal-eredita' ta' Geraldo Abela u Rozina Abela.

ii) Tillikwida konsegwentement dak li huwa dovut bħala s-sehem riservat lill-attur mill-assi ereditarju tal-ġenituri tiegħu Geraldo Abela u Rozina Abela, u dan, okkorrendo bl-opra ta' perit nominrandi;

iii) Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur is-sehem riservat hekk likwidata favur tiegħu.

Bl-ispejjeż u l-imgħax u l-konvenuti nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta Maria Dolores *sive* Doris Fava ppreżentata fil-5 ta' Gunju 2013 li permezz tagħha eċċepiet:

1. Illi preliminarjament dwar it-talba attriċi għal-likwidazzjoni u l-ħlas tas-sehem riservat fil-konfront tal-eredita' tal-omm *ossia* Rose *sive* Rosina Abela li mietet fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Lulju 1987, tali talba hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 845 tal-Kap sittax (16) tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u sussegwenti jiġi eċċepit preliminarjament in-nullita tar-rikors promotur *stante* li ntavolat kontra Anthony Abela li huwa persuna li huwa assenti mill-gżejjer Maltin;

3. Illi *inoltre* l-intimat Pierre Chircop ma hux eredi tal-mejtin Gerardo u Rosina konjuġi Abela;

4. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u sussegwenti jiġi eċċepit illi l-azzjoni kif proposta mill-attur hija improponibbli u għalhekk it-talbiet għandhom jigu miċħuda bl-ispejjeż. L-attur qed jitlob il-likwidazzjoni tas-sehem riservat u l-ħlas tal-istess. Tali azzjoni ma tistgħax tintalab fil-konfront ta' suċċessjonijiet li seħħu qabel ma daħal fis-seħħ l-Att XVIII tas-sena 2004;

5. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u sussegwenti jiġi eċċepit illi in kwantu l-eredita` tal-missier Gerardo Abela, f'każ li l-eċċezzjonijiet preċedenti ma jiġux milqugħa, għandhom jiġu kalkolati l-assi appartenenti kollha lil Gerardo Abela wara li jinqatgħu d-djun tal-assi u l-ispejjeż tal-funerali (Art 620(2) u salv li jinqatgħu, u jitnaqqsu dak kollu li l-attur ħa mingħand it-testatur u li jkun suġġett għall-kollazzjoni (Art 620(4). *Inoltre* it-talba għall-imgħax għandha tiġi respinta *stante* li ebda imgħax ma hu dovut *ai termini* tal-artikolu 615(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Illi t-talbiet attriċi humra infondati fil-fatt u fid-dritt.

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-liġi;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuta Maria Dolores *sive* Doris Fava u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta Maria Alfonsina Bartolo ppreżentata fit-28 ta' Mejju 2013 li permezz tagħha eċċepiet:

1. Preliminarjament jiġi rilevat li l-intimat Pieme Chircop m'huwiex eredi tad-defunti Gerard u Rosina (Rose) konjuġi Abela.

2. Preliminarjament ukoll, in-nullita' tar-rikors maħluf in kwantu intavolat kontra persuna (Anthony Abela) li hu assenti mill-gżejjer Maltin.

3. Illi l-azzjoni tar-rikorrent sabiex jithallas is-sehem riservat mill-assi ereditarji ta' Rosina Abela hi milquta bi preskrizzjoni deċennali, a tenur tal-artikolu 845 (1) tal-Kodiċi Ċivili. Rosina Abela mietet ċirka ħamsa u għoxrin sena ilu.

4. Illi subordinatament għal dak eċċepit, l-azzjoni attriċi li hi diretta biex il-konvenuti jħallsu lill-attur is-sehem riservat hekk likwidata favur tiegħu" għandha tiġi miċħuda. L-attur m'għandux jedd li jitħallas is-sehem risevat. Gerardo Abela miet fl-2003, u Rosina Abela ferm qabel, fi żmien fejn is-sehem riservat ma kienx jeżisti fil-Kodiċi Ċivili. Kienet teżisti *invece* l-legittima, li kienet tikkonsisti f'sehem mill-beni tad-defunt, u mhux fi kreditu kif qed jintalab f'din il-

kawża. L-azzjoni attriċi għalhekk li hi wahda għall-ħlas tas-sehem riservat u għall-imgħax għandha tiġi miċħuda.

5. Illi assolutament bla preġudizzju għall-premess, u biss jekk din l-Onorabbli Qorti tiċħad l-eċċezzjonijiet preċedenti, it-talba tar-rikorrent għandha tiġi kalkolata fuq il-valur tal-assi ereditarji fil-parametri tal-artikolu 620 (2) u 620 (4) tal-Kodiċi Ċivili. It-talba għall-ħlas ta' imgħax għandha tiġi miċħuda *ai termini* tal-proviso tal-artikolu 615 (2) tal-Kodiċi Ċivili.

Salvi eċċezzjonijiet oħra, u bl-ispejjeż.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuta Maria Alfonsina Bartolo u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Rose Farrugia, Anthony Abela, Carmelo Abela, Grace Chircop u Pierre Chircop ippreżentata fl-14 ta' Gunju 2013 li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi preliminarjjament dwar it-talba attriċi għal-likwidazzjoni u l-ħlas tas-sehem riservat fil-konfront tal-eredita' tal-omm *ossia* Rose *sive* Rosina Abela li mietet fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Lulju 1987, tali talba hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 845 tal-Kap sittax (16) tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u sussegwenti jiġi eċċepit preliminarjanrent in-nullita' tar-rikors promotur *stante* li ntavolat kontra Anthony Abela li huwa persuna li huwa assenti mill-gżejjer Maltin;

3. Illi *inoltre* l-intimat Pierre Chircop ma hux eredi tal-mejtin Gerardo, u Rosina konjuġi Abela u dan kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża għal liema raġuni jitlob li għandu jiġi liberat bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

4. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u sussegwenti jiġi eċċepit illi l-azzjoni kif proposta mill-attur hija mproponibbli u għalhekk it-talbiet għandhom jigu miċħuda bl-ispejjeż. L-attur qed jitlob il-likwidazzjoni tas-sehem riservat u l-ħlas tal-istess. Tali azzjoni ma tistgħax tintalab fil-konfront ta' suċċessjonijiet li seħħu qabel ma daħal fis-seħħ l-Att XVIII tas-sena 2004;

5. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u sussegwenti jiġi eċċepit illi inkwantu l-eredita` tal-missier Gerardo Abela, f'każ li l-eċċezzjonijiet preċedenti ma jigux milqugħa, għandhom jigu kalkolati l-assi kollha appartenenti lil Gerardo Abela wara li jinqatgħu d-djun tal-assi u l-ispejjeż tal-funerali (Art 620(2) u salv li jinqatgħu u jitnaqqsu dak kollu li l-attur ħa mingħand it-testatur u li jkun suġġett għall-kollazzjoni (Art 620(4). *Inoltre* it-talba għall-imgħax għandha tiġi respinta *stante* li ebda imgħax ma hu dovut *ai termini* tal-artikolu 615(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-liġi;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti Rose Farrugia, Anthony Abela, Carmelo Abela, Grace Chircop u Pierre Chircop u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tagħha tad-9 ta' Lulju 2014 li permezz tiegħu ċaħdet talba tal-attur għal korrezzjoni fir-rikors promotur tiegħu u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Settembru 2016 illi ddikjarat li ma setax isir appell minn dak id-digriet f'dak l-istadju tal-kawża;

Rat il-verbal tas-7 ta' Frar 2018 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza fuq l-ewwel u r-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti wara li l-partijiet ipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet fir-rigward u d-difensuri tagħhom trattaw ulterjorment.

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel eċċezzjoni tirrigwardja l-preskrizzjoni fejn tidħol it-talba attriċi għas-sehem riservat mill-wirt ta' omm l-attur Rose *sive* Rosina Abela. Din mietet fl-1987 u peress li l-kawża ġiet intavolata fl-2012 ma hemmx dubju li l-azzjoni f'dan ir-rigward hija preskritta a tenur tal-artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid illi:

*"845.(1) L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew is-sehem riservat, sew fis-suċċessjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk ab intestato, tispiċċa bl-egħluq ta' għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni.*

*(2) Iżda, għall-minuri, jew għall-interdetti, l-azzjoni fuq imsemmija ma tispiċċax ħlief egħluq sena minn dak in-nhar li hu ma jsiru tal-età, jew li l-interdizzjoni tispiċċa, kif ikun il-każ".*

Illi fin-nota ta' sottomissjonjiet tiegħu l-attur ikkonceda dan u għalhekk iddikjara li ma kienx se jittratta dan fl-istess nota. Għalhekk din l-eċċezzjoni hija fondata u ma hemmx lok ta' deliberazzjoni ulterjuri.

Illi kwantu għall-eċċezzjoni ta' proponiblita' tal-azzjoni huwa evidenti li l-azzjoni proposta hija waħda għas-sehem riservat skond l-artikolu 615 tal-Kap. 16 li kien ġie ntrodott permezz tal-Att numru XVIII tas-sena 2004. L-artikolu ta' dak l-Att li daħħal din is-sostituzzjoni tal-artikolu preċedenti kien in-numru 58 li skond il-provvediment tranżizzjonali kellhom japplikaw għas-suċċessjoni li okkorrew wara li daħlu fis-seħħ għalhekk huwa evidenti li dan l-artikolu kif inhuwa illum ma kienx japplika għas-suċċessjoni tal-

konjuġi Abela peress li l-aħħar wieħed minnhom miet fis-sena 2003. Huwa magħruf li sa ma daħlu fis-seħħ dawn fl-artikolu tal-Att imsemmi, ulied il-mejjet kienu intitolati għal leġittima.

Għalhekk il-konvenuti qed isostnu illi t-talbiet attriċi ma jistgħux jirnexxu għaliex l-attur kien messu talab għal- leġittima u **mhux** għas-sehem riservat. Dan tal-aħħar huwa definit hekk mill-istess artikolu 615;

*615. (1) Is-sehem riservat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riservat mil-liġi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa' ħaj.*

*(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riservat kontra l-beni tal-mejjet. ..."*

Illi kwindi huwa evidenti li l-bidla prinċipali kienet li fejn qabel il-leġittima kienet *"pars bonorum*" ossija sehem minn kull parti tal-wirt tad-*decujus*, issa saret kreditu kontra dak l-istess wirt. Għandu jingħad li l-legittima, skond il-liġi allura viġenti kienet tkun dovuta in-natura, *in piena propieta senza alcun peso od altra condizione.* (**Vol. XXXVIII – P II p 116**). Din kienet toħloq problema f'dawn it-tip ta' kawżi għaliex tikkontrasta mad-dritt tat-testatur li jħalli l-legati lil min jixtieq, għaliex filwaqt li l-leġittimarju ma jistax jippretendi li jinjora l-legati, u dawn għandhom jittieħdu biss in konsiderazzjoni biex tiġi kalkolata l-leġittima (ara **"Vella vs Bezzina et"** – Appell tal-20 ta' Novembru 1998), *"is-suġġeriment li l-leġittima tiġi sodisfatta b'ammont likwidu flok in-natura huwa kontra l-liġi, molto piu' meta ma jirriżultax il-kunsens tal-interessati kollha"* (**"Sammut vs Refalo"** – Prim Awla tat-30 ta' Ġunju 1954). L-istess sentenza filwaqt li **"Wismayer vs Wismayer"** (Prim Awla, tat-22 ta' Mejju 1950) qalet illi: *"sakemm id-decujus ma jeċċedix il-kwota disponibbli dak il-legat jibqa' jseħħ."*

Illi din il-Qorti qalet fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **"Baldacchino et vs Barun et"** (tat-30 ta' April 2004) illi: *"Dan ġie rimedjat bl-emendi msemmija u illum l-artikolu 615 (2) jagħmilha ċara li dan id-dritt huwa kreditu tal-valur tal-assi tal-mejjet u li huwa dovut l-imgħax mid-data tal-ftuħ tal-wirt ossija id-data tal-mewt tad-decujus jekk il-kawża tiġi intavola entro sentejn mill-istess data ... ..."*

Illi għalhekk filwaqt li f'ċertu sens, il-leġittima wkoll kienet forma ta' sehem riservat, il-kunċett legali huwa sostanzjalment differenti u huwa evidenti li l-attur f'din il-kawża qed jitlob xi ħaġa li ma kinitx bdiet teżisti meta ġie fis-seħħ id-dritt tiegħu.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-eċċezzjoni relattiva u tiċħad it-talba attriċi fir-rigward tal-wirt ta' Rosina Abela, b'dan li tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju fir-rigward tat-talba rigwardanti il-wirt ta' Geraldo Abela.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-attur**.

**Moqrija.**

**Onor. Joseph Azzopardi LL.D.**
**Imħallef**

**Mario Debono**
**Deputat Reġistratur**